

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Seba' Awla) tat-28 ta' Frar 2012 — Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Repubblika Franċiża

(Kawża C-119/11) ⁽¹⁾

(Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Direttiva 2006/112/KE — Artikoli 99 u 110 — Taxxa fuq il-valur miżjud — Rata mnaqqsa — Applikazzjoni ta' rata mnaqqsa għad-dħul magħmul mill-prezzijiet tal-biljetti tad-dħul għall-ewwel rappreżentazzjonijiet ta' kunċerti mogħtija fi stabbilimenti li fihom jistgħu jiġi servuti ikel u xorb waqt l-ispettaklu)

(2012/C 118/10)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrenti: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: F. Dintilhac u C. Soulay, aġġenti)

Konvenuta: Ir-Repubblika Franċiża (rappreżentanti: G. de Bergues u N. Rouam, aġġenti)

Suġġett

Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Ksur tal-Artikoli 99 u 110 tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE, tat-28 ta' Novembru 2006, dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 347, p. 1) — Applikazzjoni ta' rata mnaqqsa ta' VAT ta' 2,10 % għad-dħul mill-ewwel rappreżentazzjonijiet ta' kunċerti mogħtija fi stabbilimenti li jservu ikel u xorb waqt l-ispettaklu — Projbizzjoni li jiġi estiż il-kamp ta' applikazzjoni ta' deroga inizjali wara li kien tnaqqas il-portata tiegħu

Dispożittiv

- (1) Billi applikat, mill-1 ta' Jannar 2007, rata ta' taxxa fuq il-valur miżjud ta' 2,10 % għad-dħul magħmul mill-prezzijiet tal-biljetti tad-dħul għall-ewwel rappreżentazzjonijiet ta' kunċerti mogħtija fi stabbilimenti li fihom jistgħu jiġi servuti ikel u xorb waqt l-ispettaklu, ir-Repubblika Franċiża naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikoli 99 u 110 tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE, tat-28 ta' Novembru 2006, dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud.
- (2) Ir-Repubblika Franċiża hija kkundannata għall-ispejjeż

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Il-Ħames Awla) tal-1 ta' Marzu 2012 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Audiencia Provincial de Oviedo — Spanja) — Angel Lorenzo González Alonso vs Nationale Nederlanden Vida Cia De Seguros y Reaseguros SAE

(Kawża C-166/11) ⁽¹⁾

(Protezzjoni tal-konsumaturi — kuntratti nnegożjati barra mil-lok tan-negożju — Direttiva 85/577/KEE — Kamp ta' applikazzjoni — Esklużjoni — Kuntratti ta' assigurazzjoni unit linked)

(2012/C 118/11)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

Qorti tar-rinviju

Audiencia Provincial de Oviedo

Parti fil-proċedura kriminali prinċipali

Rikorrent: Angel Lorenzo González Alonso

Konvenuta: Nationale Nederlanden Vida Cia De Seguros y Reaseguros SAE

Suġġett

Talba għal deċiżjoni preliminari — Audiencia Provincial de Oviedo — Interpretazzjoni tal-Artikolu 3(2)(d) tad-Direttiva tal-Kunsill 85/577, tal-20 ta' Diċembru 1985, biex tħares lill-konsumatur rigward kuntratti nnegożjati barra mill-lok tan-negożju (ĠU Edizzjoni Speċjal bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 1, p. 262) — Kuntratt innegożjat barra mil-lok tan-negożju u li joffri assigurazzjoni għall-ħajja bi skambju għall-ħlas kull xahar ta' primjum investit f'diversi prodotti tal-istess impriżza

Dispożittiv

Kuntratt konkluż barra mil-lok tan-negożju u li jagħti assigurazzjoni għall-ħajja bi skambju għal ħlas kull xahar ta' primjum intiż li jiġi investit, fi proporzjonijiet differenti, fininvestimenti bi dħul fiss, fininvestimenti bi dħul varjabbi u fi prodotti ta' investiment finanzjarju tal-kumpannija inkwistjoni ma jaqax, skont l-Artikolu 3(2)(d) tad-Direttiva tal-Kunsill 85/577/KEE, tal-20 ta' Diċembru 1985, biex tħares lill-konsumatur rigward kuntratti nnegożjati barra mill-lok tan-negożju, fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-direttiva.

⁽¹⁾ ĠU C 145, 14.05.2011

⁽¹⁾ ĠU C 173, 11.06.2011